## Editorjal

# Mumenti Metaforiċi

Romario Sciberras

Il-kuntrasti kollha maqbudin fuq il-qoxra ta' din l-edizzjoni ta' *Leħen il-Malti* jseħħu f'mument metaforiku mogħti forma viżiva, kulur u ħajja mill-artista Maria Ciantar. Qabel tkompli taqra, nistiednek terġa' tgawdi dan il-mument billi tħares lejn it-tpinġija u tgħixha mill-ġdid.

Mument metaforiku huwa wieħed ikkaratterizzat minn assoċjazzjonijiet konjittivi bejn ħaġa u oħra. Hawnhekk qiegħed nifhem il-metafora skont kif tiġi deskritta minn George Lakoff u Mark Johnson, jiġifieri bħala eżerċizzju mentali li fih, il-persuna tifhem u ġġarrab oġġett permezz tar-relazzjoni tiegħu ma' ieħor (*Metaphors We Live By* 5). F'din in-nozzjoni, il-metafora ma tibqax fenomenu fil-livell lingwistiku li joħloq lingwaġġ anqas familjari – jew jiddefamiljarizzah – iżda ssir proċess f'moħħ il-bniedem, li jipprovdi interpretazzjonijiet u rappreżentazzjonijiet differenti u ġodda tad-dinja. Xi wħud minn dawn il-konnessjonijiet kunċettwali, skont Lakoff u Johnson, jgħinuna nifhmu l-astratt permezz tal-konkret. Dawn iservu bħala bażi għal proliferazzjoni ta' espressjonijiet, u l-istess metafora kunċettwali tintuża ripetutament fil-manifestazzjonijiet lingwistiċi diversi tagħha, saħansitra anke f'lingwi differenti. Għalhekk, dawn il-konnessjonijiet

metaforiċi fil-ħsieb huma konvenzjonali u nużawhom biex nifhmu l-avvenimenti ta' madwarna fil-ħajja ta' kuljum.

Madankollu, Lakoff jargumenta li xi assoċjazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu bħala metafori kunċettwali konvenzjonali (219). Dawn huma metafori ta' darba li jseħħu permezz tat-tlaqqigħ bejn immaġini li, għalkemm jiġu internalizzati inkonxjament mill-persuna bħala membru ta' komunità f'kuntest storiko-kulturali partikolari, jappartjenu għal skemi ta' għarfien differenti. Nistgħu ngħidu li l-mument metaforiku ta' fuq il-qoxra ta' din ir-rivista jaqa' taħt dan it-tip ta' metafora. F'moħħna għandna kemm l-immaġini tal-ispallejn umani u kemm l-immaġini tal-važun. Għalkemm ma jagħmlux parti mill-istess sors ta' għarfien għaliex mhumiex forom identiċi, għandhom forma ġenerali komuni li tippermetti konnessjoni fil-livell tal-ħsieb. L-istess jista' jingħad għal ras il-figura umana u l-bukkett fjuri li potenzjalment insibu fil-važun. Għaldaqstant, it-tpinġija tista' titqies bħala mument metaforiku għaliex l-ispallejn u l-važun, u r-ras u l-bukkett, jiġu mifhuma u murija permezz ta' xebh li jinbena f'moħħ il-bniedem. Fl-istess waqt, dawn l-assoċjazzjonijiet ta' darba jitlaqqgħu mal-metafora aktar konvenzjonali tal-għonq permezz tal-kontinwazzjoni bejn għonq il-figura umana u għonq il-važun. Dan kollu jwassal għal rappreżentazzjoni ġdida tal-qagħda umana fid-dinja.

Ix-xogħlijiet letterarji f'din il-ġabra jlaqqgħu lill-qarrejja kontinwament ma' mumenti metaforiċi ta' dan it-tip, u ma' estensjonijiet innovattivi ta' metafori kunċettwali konvenzjonali. Kull kittieb joffri tiġrib ġdid tad-dinja permezz tal-metafora, u mhux sempliċement damma ta' kliem li normalment ma jagħmilx sens loġiku meta jitqiegħed f'dik is-sekwenza. Din hija opportunità straordinarja għall-qarrejja li, kif iġarrbu l-konnessjonijiet imfissra fi kliem, jibdew vjaġġ ta' skoperti dwar il-bniedem, l-emozzjonijiet u l-esperjenzi individwali u kollettivi, ix-xibka ta' relazzjonijiet soċjali, u kulma jagħmel parti mill-ambjent li jgħixu fih. Kull mument metaforiku għandu l-potenzjal li jwassal għal sejbiet diversi minn qarrejja differenti. Dan jista' jiġi eżemplifikat permezz tat-tpinġija ta' Ciantar minħabba

r-reazzjonijiet numerużi li tista' tqanqal fl-udjenza. Għal xi wħud, hija rappreżentazzjoni ta' metamorfosi interrott mill-id artistika, mingħajr l-għarfien definit tad-direzzjoni tat-trasformazzjoni. Dan in-nuqqas ta' għarfien, fih innifsu, ikompli jżid il-possibbiltajiet interpretattivi u reattivi fil-qarrejja. Skoperti oħrajn jistgħu jkunu kuntrastanti; ngħidu aħna, filwaqt li xi qarrejja jistgħu jaraw quddiem għajnejhom il-ħelsien tal-figura umama minn diskorsi, individwi, relazzjonijiet jew istituzzjonijiet oppressivi, oħrajn jaraw il-figura umana tinġibed u tinbela' mill-istess oppressuri.

Lakoff u Mark Turner jgħidu li "[p]oeti mill-aqwa jħallu effett fuqna għaliex jużaw sistema ta' ħsieb li tinsab f'kull bniedem" (*More than Cool Reason* xi). Dan jipproċedi mill-prinċipju fundamentali fit-teorija tal-metafora kunċettwali li s-sistema konjittiva tal-bniedem għandha natura metaforika. Minkejja li din hija karatteristika universali, dak li ntqal dwar il-metafori ta' darba jrodd ċerta indefinitezza lill-ħsieb tal-bniedem. Dan għaliex, permezz ta' konnessjonijiet bejn immaġini li jislet mill-kultura u t-tiġrib personali jew komuni, il-bniedem jista' joħloq perspettivi ġodda, jesprimi l-istess idea permezz ta' assoċjazzjonijiet differenti, u jħaddan multipliċità ta' tifsiriet għal xi xebh li jġarrab f'mument partikolari. Minbarra dan, meta l-immaġini tkun nieqsa mis-sistema konjittiva għax l-oġġett ikun astratt, bħalma huma l-ħsieb u n-ngħas, jinteraġixxu l-metafora kunċettwali u l-immaġini aktar konkreti. Ix-xogħlijiet letterarji li jsegwu fil-paġni li ġejjin huma xhieda tal-possibbiltajiet konjittivi tal-bniedem: ix-xufftejn togħma ta' ngħas, is-siġar assassini, il-baħar fil-ħalq, il-metafora fuq l-ispiritiera, il-kumpanija tas-solitudni, u l-qamar iqattar. Dawn huma lkoll aspetti tal-għajxien uman li ndaqu, inftiehmu u tfissru permezz tat-tlaqqigħ bejn xbihat minn skemi ta' għarfien differenti, u anke potenzjalment ma' metafori kunċettwali li jfissru dak li hu teoretiku, intanġibbli, inviżibbli jew metafiżiku. Ir-rabtiet bejn l-iskemi li jwasslu għal espressjoni ġdida ta' kif il-kittieba jirrelataw ma' ħajjithom huma fluwidi għaliex jistgħu jinħallu biex jieħdu posthom konnessjonijiet oħrajn.

Ix-xogħol ta' Ciantar huwa adegwat ħafna għal din l-edizzjoni tar-rivista għaliex l-assoċjazzjoni bejn ras il-figura umana u l-bukkett, u l-ispallejn u l-vażun, tista' titqies bħala rappreżentazzjoni tal-istituzzjonijiet soċjali – il-Knisja, l-eterosesswalità obbligatorja u l-edukazzjoni, fost oħrajn – li jipprovdu norma bħala standard li miegħu għandu jiġi kkumparat l-istil ta' ħajja tal-individwu. Jekk inħarsu lejn it-tpinġija bi ftit aktar attenzjoni, ninnutaw li l-figura umana m'għandha xejn li strettament jissuġġerixxi li hija mara. Madankollu, ir-rappreżentazzjoni normalizzata tal-mara bix-xagħar twil, ix-xufftejn imlaħħmin u l-fattizzi delikati tal-wiċċ, iġegħluna awtomatikament naħsbu f'figura femminili. Għaldaqstant, bil-konnessjoni bejn l-istruttura artifiċjali – magħmula mill-bniedem – tal-vażun u l-ispallejn, il-figura umana ambigwa qed tingħata definizzjoni mid-diskorsi soċjali li għandhom il-qawwa tan-normalizzazzjoni f'kuntest storiko-soċjali partikolari. Fit-tpinġija ta' Ciantar, il-bniedem, li skont Noreen Giffney jinsab f'tiswir kontinwu (6), jingħata forma u identità permezz ta' kostruzzjonijiet soċjali u atti performattivi ripetuti u kkonsolidati li jistabbilixxu kulma huwa konvenzjonalment aċċettat.

Il-qawwa tan-normalizzazzjoni tiġi ttrattata fit-taqsima speċjali ta' dan l-għadd ta' *Leħen il-Malti* u, għalhekk, xogħol Ciantar jikkumplimenta b'mod tajjeb anke dan l-istudju. Id-diskussjoni dwar ir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* minn perspettiva Foucaultjana għandha twassal għal riflessjonijiet fil-qarrejja dwar l-istituzzjonijiet u d-diskorsi soċjali diversi – imsaħħin prinċipalment permezz tal-lingwa – li jimponu l-binarji fuq il-bniedem, anke jekk dan iħossu li ma jappartjeni għall-ebda komponent tagħhom. Barra minn hekk, din it-taqsima tkompli żżewwaq il-varjetà ta' studji akkademiċi li ntgħażlu għal din l-edizzjoni tar-rivista, xogħlijiet li jirriflettu tipi differenti ta' riċerka, fosthom il-kritika letterarja u lingwistika, il-metariċerka, u l-istħarriġ metodoloġiku jew storiku.

Għalkemm din ir-rivista għandha l-forma ta' ktieb, b'bidu u tmiem fiżiċi, nistieden lill-qarrejja jqisuha bħala kontinwazzjoni ma' dak li diġà

qraw u ġarrbu, u mal-avvenimenti li għad iridu jgħaddu minnhom. B'hekk tkun parti minn sensiela twila ta' mumenti metaforiċi li jsawruna b'mod individwali u kollettiv, kontinwament.

28 ta' Settembru, 2020

**Biblijografija**


Giffney, Noreen. "Introduction: The 'q' Word." *The Ashgate Research Companion to Queer Theory*, ed. Noreen Giffney and Michael O'Rourke. Ashgate Publishing Limited, 2009, pp. 1-13.

Lakoff, George, and Mark Johnson. *Metaphors We Live By*. The University of Chicago Press, 1980.

Lakoff, George, and Mark Turner. *More than Cool Reason: A Field Guide to Poetic Metaphor*. The University of Chicago Press, 1989.

Lakoff, George. "Image Metaphors." *Metaphoric and Symbolic Activity*, vol. 2, no. 3, 1987, pp. 219-222.